

Brussell, 19 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15652/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0365 (NLE)**

---

---

**ECOFIN 1551  
UEM 560  
FIN 1403  
ECB  
EIB**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 711 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 711 final.

Mehmuż: COM(2025) 711 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.11.2025  
COM(2025) 711 final

2025/0365 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-  
approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta**

{SWD(2025) 371 final}

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) ta' Malta fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fil-5 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021")<sup>2</sup>. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2023<sup>3</sup> u tal-20 ta' Ġunju 2025<sup>4</sup>.
- (2) Fil-31 ta' Ottubru 2025, Malta għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, Malta ppreżentat l-RRP emendat.

### ***Kapitolu REPowerEU bbażat fuq l-Artikolu 21c tar-Regolament 2021/241***

- (3) Il-Kapitolu REPowerEU jinkludi miżura ġdida C7-I2 (Investiment fir-rinnovazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni ta' bini tas-settur privat) li hija investiment ġdid li jindirizza l-effiċjenza enerġetika fil-bini u b'hekk inaqqas ukoll id-dipendenza ta' Malta fuq il-fjuwils fossili.

### ***Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241***

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>

<sup>2</sup> ST 11941/21 INIT; ST 11941/21 ADD 1.

<sup>3</sup> ST 11202/23 INIT; ST 11202/23 ADD 1.

<sup>4</sup> ST 9589/25 INIT; ST 9589/25 ADD 1; ST 9589/25 ADD 1 COR.

- (4) L-emendi fl-RRP ippreżentati minn Malta, minħabba ċirkostanzi oġġettivi, jikkonċernaw 34 miżura.
- (5) Malta spjegat li miżura ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba diffikultajiet tekniċi u dewmien mhux mistenni fl-akkwist. Dan jikkonċerna l-miżura C2-I4 (Is-sostituzzjoni parzjali tal-flotta tat-trasport pubbliku). Abbażi ta' dan, Malta talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Malta spjegat li miżura ma għadhiex tista' tinkiseb kompletament minħabba dewmien fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni minħabba restrizzjonijiet tekniċi. Dan jikkonċerna l-miżura C1-I2 (Investiment għar-rinnovazzjoni u l-irranġar mill-ġdid tal-isptarijiet pubbliċi). Abbażi ta' dan, Malta talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Malta spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba diffikultajiet tekniċi u dewmien fl-akkwist. Dan jikkonċerna l-miżura C3-I2 (Id-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili fi ħdan Transport Malta), il-miżura C3-I3 (Aktor diġitalizzazzjoni u modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika) u l-miżura C7-I1 (It-tisħiħ u t-twessigħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku, permezz ta' investimenti fil-grilja, fis-servizzi ta' distribuzzjoni u fil-ħżin f'battery). Abbażi ta' dan, Malta talbet li dawn il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (8) Malta spjegat li miżura ma għadhiex tista' tinkiseb kompletament minħabba domanda aktar baxxa milli mistenni. Din jikkonċerna l-miżura C3-I4 (L-introduzzjoni ta' miżuri biex tiġi intensifikata d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat). Abbażi ta' dan, Malta talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (9) Malta spjegat li żewġ miżuri ġew emendati minħabba dewmien fil-proċess tal-akkwist. Dan jikkonċerna l-miżura C6-R3 (It-tisħiħ tal-kapaċità tal-qafas istituzzjonali għall-għieda kontra l-korruzzjoni; Implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni (NAFCS, National Anti-Fraud and Corruption Strategy)) u l-miżura C6-I1 (Diġitalizzazzjoni fis-sistema ġudizzjarja). Abbażi ta' dan, Malta talbet li dawn il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (10) Malta spjegat li miżura ġiet emendata minħabba dewmien mhux mistenni marbut ma' tfixkil fil-katina tal-provvista globali. Dan jikkonċerna l-miżura C1-I5 (Investimenti fl-enerġija rinnovabbli fit-toroq u fl-ispazji pubbliċi). Abbażi ta' dan, Malta talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (11) Malta spjegat li miżura ġiet emendata biex tiġi implimentata alternattiva aħjar biex tintlaħaq l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna l-miżura C1-I1 (Investiment fir-rinnovazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni ta' bini tas-settur pubbliku u privat, inkluż l-irranġar mill-ġdid permezz ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi). Abbażi ta' dan, Malta talbet li din il-miżura tiġi emendata. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (12) Malta spjegat li ġew emendati 24 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri: C1-R2 (It-trawwim ta' ġestjoni effettiva tal-iskart permezz ta' qafas ta' governanza tal-iskart robust, inkluża r-riforma tas-sistema tal-ġbir tal-iskart), C2-R1 (L-ixprunar tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu s-sostenibbiltà tas-settur tat-trasport, inkluż permezz tal-inkoraġġiment tal-użu tat-trasport kollettiv u multimodali), C2-R3 (It-tħaffif tal-finalizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (SUMP, Sustainable Urban Mobility Plan) għar-Reġjun tal-Belt Valletta), C2-R4 (It-tnaqqis tal-impatt soċjoekonomiku u ambjentali tal-vetturi fiż-żoni urbani), C2-R6 (Ġestjoni mtejba tal-mobilità fis-servizz pubbliku), C2-I2 (It-tiħiħ tal-użu ta' vetturi elettriċi fis-settur privat), C2-I3 (Id-dekarbonizzazzjoni tal-flotta tas-servizz pubbliku), C3-I1 (It-tiħiħ tar-reżiljenza, is-sigurtà u l-effiċjenza tal-qafas diġitali tal-gvern u l-investment f'soluzzjonijiet, apparati u għodod diġitali xierqa), C4-R1 (L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas ta' politika tas-saħħa mmirat biex jagħmel is-sistema tas-saħħa aktar sostenibbli u reżiljenti, b'enfasi partikolari fuq is-saħħa preventiva u forza tax-xogħol b'saħħitha), C4-R2 (Ir-rieżami tal-qafas leġiżlattiv nazzjonali relatat mat-twaqqif ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli għal Malta), C4-I1 (It-twaqqif ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli għal Malta), C4-I2 (It-tiħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa permezz tad-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda), C5-R1 (It-tiħiħ tal-miżuri ta' prevenzjoni għat-tluq bikri mill-iskola, b'enfasi fuq l-akkwist tal-ħiliet), C5-R2 (It-tiħiħ tal-iżvilupp u r-rikonossiment tal-ħiliet, b'enfasi partikolari fuq l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet), C5-R3 (L-iżvilupp ta' perkorsi edukattivi ġodda lejn edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità), C5-R4 (L-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' monitoraġġ tal-politika tal-edukazzjoni), C5-R5 (It-tiħiħ tar-reżiljenza tas-suq tax-xogħol), C6-R1 (Riforma tal-metodu tal-ħatra u t-tkeċċija tal-ġudikatura), C6-R2 (Il-ħolqien ta' servizz tal-prosekuzzjoni separat), C6-R4 (Riforma tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (PCAC, Permanent Commission Against Corruption)), C6-R5 (Riforma tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi), C6-R7 (Implimentazzjoni tar-riforma li tikkonċerna r-rieżami ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet li ma ssirx prosekuzzjoni u deċiżjonijiet oħrajn tal-Avukat Ġenerali). Dan jinkludi l-assenjazzjoni tal-istatus ta' parti leża fil-liġi lil istituzzjonijiet speċifiċi meta tiġi rrapportata Prattika korrotta), C6-R11 (Studju dwar ir-rilevanza tal-miżuri relatati mal-pagamenti ta' dividendi, imġax u royalties li jidhru u joħorġu) u C7-R1 (Rieżami tas-sistemi għall-ġħoti ta' permessi eżistenti biex jiġu ssimplifikati l-proċessi u jiġu aċċellerati l-proċeduri tal-ġħoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli). Abbażi ta' dan, Malta talbet li dawn il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (13) Wara t-tneħħija u t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tal-miżuri skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, Malta talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tneħħija tal-miżuri u t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex jiżdedu tliet miżuri ġodda u jiżded il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura. Dan jikkonċerna t-tneħħija tal-miżura C2-I4 (Sostituzzjoni parzjali tal-flotta tat-trasport pubbliku), u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri: C1-I1 (Investiment fir-rinnovazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni ta' bini tas-settur pubbliku u privat, inkluż l-irranġar mill-ġdid permezz ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi), C1-I2 (Investiment għar-rinnovazzjoni u l-irranġar mill-ġdid tal-isptarijiet pubbliċi), C3-I2 (Id-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili fi ħdan Transport Malta), C3-I3 (Aktar

diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika), C3-I4 (L-introduzzjoni ta' miżuri biex tiġi intensifikata d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat), u C7-I1 (It-tisħiħ u t-twessigħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku, permezz ta' investimenti fil-grilja, fis-servizzi ta' distribuzzjoni u fil-ħżin f'batteryi). Abbażi ta' dan, Malta talbet li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' miżura (C2-I2 (It-tisħiħ tal-użu ta' vetturi elettriċi fis-settur privat)) u li jiżdiedu tliet miżuri ġodda, C2-R7 (Miżuri biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku), C3-I5 (Id-diġitalizzazzjoni mobbli tal-ekoloġija urbana), u C3-I6 (Kontribuzzjoni għall-kompartiment tal-Istat Membru taħt il-programm InvestEU). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

### ***Tqassim tal-istadji importanti u tal-miri***

- (14) It-tqassim tal-istadji importanti u tal-miri f'segmenti jenħtieġ li jiġi emendat biex jitqiesu l-emendi fl-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata minn Malta.

### ***Valutazzjoni tal-Kummissjoni***

- (15) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

### ***Kontribuzzjoni għall-oġettivi tar-REPowerEU***

- (16) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da) u mal-Anness V, il-kriterju 2.12 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-naqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (17) Malta spjegat li l-investment f'faċilità għall-ħżin f'batteryi taħt il-miżura C7-I1 (It-tisħiħ u t-twessigħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku, permezz ta' investimenti fil-grilja, fis-servizzi ta' distribuzzjoni u fil-ħżin f'batteryi) ma għadux jista' jinkiseb fl-iskeda ta' żmien tal-RRF. Abbażi ta' dan, Malta talbet li s-sottoinvestment speċifiku jitneħħa mill-miżura, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Dan ma jaffettwax il-valutazzjoni pożittiva preċedenti tal-kapitolu REPowerEU, li permezz tar-riforma li jifdal C7-R1 (Ir-rieżami tas-sistemi għall-ġħoti ta' permessi eżistenti biex jiġu ssimplifikati l-proċessi u jiġu aċċellerati l-proċeduri tal-ġħoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli), is-sottoinvestimenti taħt il-miżura C7-I1 (It-tisħiħ u t-twessigħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku, permezz ta' investimenti fil-grilja, fis-servizzi tad-distribuzzjoni u fil-ħżin f'batteryi) u bil-miżura l-ġdida C7-I2 (Investiment fir-rinnovazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni ta' bini tas-settur privat), ikompli jindirizza l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u t-naqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili f'Malta.

### ***Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità***

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e) u mal-Anness V, il-kriterju 2.5 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiki jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 62 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 100 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP

emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (19) Il-miżuri fl-RRP emendat ikomplu jikkontribwixxu b' mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-kontribuzzjoni ekoloġika tal-RRP modifikat naqset minn 68,8 % għal 62,0 %. Dan it-tnaqqis kien ir-riżultat tat-tnaqqis tal-miżura C1-I1 (Investiment fir-rinnovazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni ta' bini tas-settur pubbliku u privat, inkluż l-irranġar mill-ġdid permezz ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi), il-miżura C1-I2 (Investiment għar-rinnovazzjoni u l-irranġar mill-ġdid tal-isptarijiet pubbliċi) u tal-miżura C7-I1 (It-tisħiħ u t-twessigħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku, permezz ta' investimenti fil-grilja, fis-servizzi ta' distribuzzjoni u fil-ħżin f' batteriji), kif ukoll it-tneħħija tal-miżura C2-I4 (Is-sostituzzjoni parzjali tal-flotta tat-trasport pubbliku). Dawn kienu aktar mit-tkabbir tal-miżura C2-I2 (It-tisħiħ tal-użu ta' vetturi elettriċi fis-settur privat) u l-introduzzjoni tal-miżura ġdida C7-I2 (Investiment fir-rinnovazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni ta' bini tas-settur privat).
- (20) Il-miżuri relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika fl-RRP emendat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, għandhom impatt dejjiemi peress li l-miżuri għandhom l-għan li jipromwovu l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f' Malta, inaqqsu d-dipendenza ta' Malta fuq il-fjuwils fossili u jżidu l-effiċjenza enerġetika fil-bini. B'riżultat ta' dan, jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-miri għall-2030-2050 u l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-emendi ma jibdix il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

#### ***Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali***

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f) u mal-Anness V, il-kriterju 2.6 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 26,9 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (22) Il-miżuri fl-RRP emendat ikomplu jikkontribwixxu b' mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali. L-emendi fil-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali huma relatati mat-tnaqqis fl-allokazzjoni għal tliet miżuri (C3-I2 (Id-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili fi Transport Malta), C3-I3 (Aktor diġitalizzazzjoni u modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika), C3-I4 (L-introduzzjoni ta' miżuri biex tiġi intensifikata d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat)), li huwa kkompensat biż-żieda ta' miżura ġdida waħda (C3-I5 (Id-diġitalizzazzjoni mobbli tal-ekoloġija urbana)). B' mod ġenerali, minħabba t-tibdil msemmi hawn fuq fl-allokazzjoni diġitali, l-emendi fl-RRP ta' Malta jinvolvu żieda netta fil-kontribuzzjoni ġenerali għall-mira diġitali tal-RRP b' 0,7 punti perċentwali, minn 26,2 % għal 26,9 %. L-ambitu limitat ta' dawn l-emendi ma jbidilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

#### ***Kalkolu tal-kostijiet***

- (23) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i) u mal-Anness V, il-kriterju 2.9 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (24) Skont l-informazzjoni pprovduta, il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet għall-miżuri l-ġodda u għall-miżuri eżistenti li l-modifiki tagħhom kienu jinvolvu valutazzjoni ġdida

tal-kostijiet turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Huwa biss fi ftit każijiet li l-metodoloġija u l-kalkoli użati biex isiru l-istimi tal-kostijiet ma kinux daqstant solidi. Dan jipprekludi l-klassifikazzjoni A għal dan il-kriterju ta' valutazzjoni. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet għall-miżuri modifikati kienu ġġustifikati, proporzjonali għall-miżuri riveduti l-ġodda u appoġġati minn kalkoli u evidenza dettaljati, u bħala tali r-raġonevolezza u l-plawżibbiltà ta' dawn l-istimi tal-kostijiet ma nbidlux meta mqabbla mal-RRP oriġinali. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

### ***Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni***

- (25) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa minn Malta ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Malta rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP apparagun tal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (db), (g), (h), (j) u (k).

### ***Valutazzjoni pożittiva***

- (26) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bil-konstatazzjoni li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

### ***Kontribuzzjoni finanzjarja***

- (27) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat ta' Malta huma ta' EUR 329 083 116. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huma oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Malta, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> u mal-Artikolu 20(4) u mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat ta' Malta jenħtieġ li tkun ta' EUR 328 230 928. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Malta tibqa' l-istess.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

#### *Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP*

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat ta' Malta fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

*Artikolu 2*

*Emendi*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta hija emendata kif ġej:

l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

*Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*